



2024/1564

27.6.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 6/2024

tat-2 ta' Frar 2024

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2024/1564]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/1149 tal-5 ta' April 2023 li jikkoreġi l-verżjoni bil-lingwa Pollakka tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2292 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' annimali li jipproduċu l-ikel u ċerti oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (2) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna, *inter alia*, il-leġiżlazzjoni dwar annimali ħajjin li mhumiex ħut u annimali tal-akkwakultura. Il-leġiżlazzjoni li tikkonċerna dawn il-kwistjonijiet ma għandhiex tapplika għall-Iżlanda, kif speċifikat fil-paragrafu 2 tal-Parti Introdutturja tal-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (3) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni dwar il-kwistjonijiet veterinarji, l-għalf u l-oġġetti tal-ikel. Il-leġiżlazzjoni dwar il-kwistjonijiet veterinarji, l-għalf u l-oġġetti tal-ikel ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agricoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali għall-Anness I u fl-introduzzjoni tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein.
- (4) Jenħtieġ għalhekk, li l-Annessi I u II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġu emendati skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 11bzb (ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2292) fil-Parti 1.1 tal-Kapitolu I:
"kif emendat bi:
— **32023 R 1149:** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/1149 tal-5 ta' April 2023 (ĠU L 152, 13.6.2023, p. 1)."
2. Dan li ġej jiżdied fil-punt 31qz (ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2292) tal-Kapitolu II:
"kif emendat bi:
— **32023 R 1149:** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/1149 tal-5 ta' April 2023 (ĠU L 152, 13.6.2023, p. 1)."

Artikolu 2

L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 164zd (ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2292) tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

⁽¹⁾ ĠU L 152, 13.6.2023, p. 1.

“kif emendat bi:

- **32023 R 1149:** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/1149 tal-5 ta' April 2023 (ĠU L 152, 13.6.2023, p. 1).”

Artikolu 3

It-test tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1149 bil-lingwa İzlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-3 ta' Frar 2024, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Frar 2024.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Nicolas VON LINGEN

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.